MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1510/2003

**Citadel Insurance plc kif surrogata tal-assikurat taghha Paul Galea u l-istess Paul Galea**

**Vs**

**Lara Muscat**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm459 (erba` mija disgha u hamsin Lira Maltin) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh nhar l-10 ta' Dicembru 2002 gewwa Mgarr.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-atturi jitolbu li l-konvenuta tigi, prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita opportuna, ikkundannata thallas s-

somma ta' erba` mija disgha u hamsin lira Maltija (Lm459) rappresentanti danni minnhom sofferti u spejjez inkorsi bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta' Dicembru 2002 fi Triq Sir Temi Zammit kantuniera ma Triq is-Saqwi, Mgarr, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAV 127 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL 383, propjeta ta' Paul Galea u assigurata mal-kumpanija attrici, liema incident gara unikament tort tan-negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta u ghal liema incident tahti unikament il-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' kull att kawtelatorju precedenti u tal-ittra ufficjali interpellatorja u ta' dik ipprezentata konteswtwalment a tenur tal-Kap 104 tal-ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi, stante illi l-incident in kwistjoni ma garax tort tal-konvenuta, izda unikament tort ta' Paul Galea minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-peru tas-soluzzjoni tal-odjerna kollizjoni tirrigwardja l-manuvra maghmula mill-attur meta wasal biex idur fuq ix-xellug tieghu.

"Ex admissis", l-isqaq li ried idur ghal go fih huwa idjaq mit-triq li kien qed isuq fiha. Allura ta' bil-fors kien ikollu jikkreja angolu wiesa billi jigbed aktar lejn il-lemin sabiex ikun jista' jdawwar. Dana aktar u aktar meta l-vettura minnu misjuqa kienet ta' certu kobor li ma tipprestax

ruhha facilment biex tigi manuvrata f'ambjent ckejken. Jibqa in kontestazzjoni il-punt li ghamlu jew le l-*indicator* li kien sew ibiddel id-direzzjoni tieghu? Seduta stante, allega li ghamel. Lil-pulizija nvestigattiv "a tempo vergine", dana ma qallhomx, anki jekk il-pulizija ma saqsiehx! Il-konvenuta sia dakinhar tal-incident u sia seduta stante baqghet tinsisti li l-attur ma ghamel l-ebda sinjal. Jekk meta hareg fil-mirja ma ra l-ebda vetturi mexjin ghalfejn kellu jixghel l-indicator?

Illi punt iehor relattiv huwa l-punt tal-esistenza tad-daqqiet. Il-gnub kollha tax-xellug tal-vettura attrici u kantuniera lemin quddiem tal-vettura konvenuta, jikkombacjaw perfettament mal-manuvra adoperata mill-attur. Aktar u aktar meta bl-istess manuvra, l-attur ikkreja spazju bizzejjed sabiex il-konvenuta setghet taqbzu facilment minn gewwa !

Veru li l-konvenuta kienet fuq wara, pero` l-attur naqas li jaghti ndikazzjoni ta' zmien utili lil ta' warajh li kien ser jibdel id-direzzjoni biex ma jikkostitwix ruhu ta' periklu lill-utenti posti warajh.

Jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni konvenuta, jichad it-talbiet attrici, u l-ispejjes kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------